

31999L0062

L 187/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.7.1999

ID-DIRETTIVA 1999/62/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tas-17 ta' Ġunju 1999****dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 71(1) u 93 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni ⁽³⁾,

Jaġixxu f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽⁴⁾,

Billi:

- (1) L-eliminazzjoni ta' distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn intrapriżi tat-trasport fl-Istati Membri teħtieġ kemm l-armonizzazzjoni ta' sistemi ta' taxxi kif ukoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ġusti għall-impożizzjoni ta' ħlas għall-ispejjeż ta' infrastruttura fuq dawk li jgħorru l-merkanzija bl-art;
- (2) Dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss fi stadji;
- (3) Diġà inkiseb ċertu grad ta' armonizzazzjoni tas-sistemi ta' taxxi permezz ta' l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-istrutturi ta' dazji żejda fuq żjut minerali ⁽⁵⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tar-rati ta' dazji fuq żjut minerali ⁽⁶⁾;
- (4) B'sentenza tal-5 ta' Lulju 1995 fil-Każ C-21/94 il-Parlament Ewropew v. Il-Kunsill ⁽⁷⁾ il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej annullat id-Direttiva tal-Kunsill 93/89/KEE tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' taxxi fuq ċerti vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija bl-art permezz ta' ħlasijiet fuq l-użu u ħlasijiet fuq l-utent għal ċerti infrastrutturi ⁽⁸⁾,

waqt li ppreservat l-effetti ta' dik id-Direttiva sakemm il-Kunsill ikun adotta Direttiva ġdida; għalhekk, id-Direttiva 93/89/KEE hija mibdula b'din id-Direttiva;

- (5) Taħt iċ-ċirkostanzi preżenti l-aġġustament ta' sistemi nazzjonali ta' taxxi għandu jkun limitat għal vetturi kummerċjali ta' iktar minn ċertu toqol gross mgħobbi;
- (6) Għal dan il-għan, għandhom jiġu f'fissati rati minimi għat-taxxi fuq vetturi fil-preżent applikati mill-Istati Membri jew għal dawk li jistgħu jintużaw minflokhom;
- (7) L-użu ta' vetturi tajbin għal fuq it-toroq u li jniġġsu inqas għandu jiġi mħeġġeġ permezz ta' differenzazzjoni ta' taxxi jew ħlasijiet, sakemm din id-differenzazzjoni ma tfixkilx il-ħidma tas-suq intern;
- (8) Huwa xieraq li ċerti Stati Membri jingħataw perjodu ta' deroga mill-minima sabiex tiġi ffaċilitata l-addattazzjoni tal-livelli meħtieġa minn din id-Direttiva;
- (9) Ċerti operazzjonijiet ta' trasport lokali u domestiċi li jkollhom impatt żgħir ħafna fuq is-suq ta' trasport Komunitarju huma fil-preżent soġġetti għal rati mnaqqsa ta' taxxa fuq vetturi; sabiex tiġi assigurata transizzjoni mingħajr tfixkil, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati sabiex jistabbilixxu derogi temporanji mir-rati minimi;
- (10) L-Istati Membri għandhom jitħallew japplikaw rati mnaqqsin jew eżenzjonijiet ta' taxxi fuq vetturi fil-każ ta' vetturi li l-użu tagħhom mhuwiex mistenni li jaffettwa s-suq tat-trasport Komunitarju;
- (11) Sabiex issir konċessjoni għal ċerti sitwazzjonijiet speċjali, għandha tiġi stipulata proċedura li permezz tagħha l-Istati Membri jistgħu jitħallew iżommu eżenzjonijiet jew riduzzjonijiet oħra;
- (12) Id-distorsjoni eżistenti fil-kompetizzjoni ma tistax tiġi eliminata biss permezz ta' l-armonizzazzjoni ta' taxxi jew dazji fuq il-karburanti; madanakollu, sakemm jidħlu fis-seħħ forum ta' taxxi li huma iktar addattati fuq livell tekniku u ekonomiku, dan it-tgħawwiġ jista' jiġi mitigat bil-possibbiltà li jinżammu jew jiddaħħlu ħlasijiet għall-użu u/jew ħlasijiet fuq l-utenti ta' awtostradi; barra minn hekk l-Istati Membri għandhom jitħallew jimponu ħlasijiet fuq l-użu ta' pontijiet, mini u passaġġi fil-muntanji;

⁽¹⁾ ĠU C 59, tas-26.2.1997, p. 9.

⁽²⁾ ĠU C 206, tas-7.7.1997, p. 17.

⁽³⁾ Opinjoni mogħtija fit-3 ta' Ġunju 1999 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Lulju 1997 (ĠU C 286, tat-22.9.1997, p. 217), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 1999 (ĠU C 58, ta' l-1.3.1999, p. 1) u d-Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 1999 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁵⁾ ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 12. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 94/74/KE (ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 46).

⁽⁶⁾ ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 19. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 94/74/KE. [1995] ECR I-1827.

⁽⁷⁾ ĠU L 36, tad-9.2.1988, p. 33. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 96/1/KE (ĠU L 40, tas-17.2.1996, p. 1).

⁽⁸⁾ ĠU L 279, tat-12.11.1993, p. 32.

- (13) Minħabba l-kondizzjonijiet speċifiċi fuq ċerti rotot Alpini, jista' jkun xieraq għal Stat Membru sabiex ma japplikax sistema ta' ħlas fuq l-utent minn sezzjoni definita sew tas-sistema ta' awtostradi tiegħu sabiex jippermetti l-applikazzjoni ta' ħlas relatat ma' l-infrastruttura;
- (14) Noli jiet għall-użu tat-toroq u ħlasijiet fuq l-utenti ma għandhomx ikunu diskriminatorji u l-anqas ma għandhom jinvolvu formalitajiet eċċessivi jew joħlqu xkiel fil-fruntieri interni; għalhekk għandhom jittieħdu miżuri adegwati sabiex jiġi jthalla jsir il-ħlas ta' ħlasijiet għall-użu tat-toroq u ħlasijiet fuq l-utenti f'kull ħin u b'modi differenti ta' ħlas;
- (15) Ir-rati ta' ħlasijiet fuq l-utenti għandhom ikunu bbażati fuq it-tul tal-ħin ta' l-użu li jsir mill-infrastruttura inkwistjoni u għandhom ikunu differenzjati skond l-ispejjeż ikkawżati mill-vetturi tat-toroq;
- (16) Rati mnaqqsa ta' ħlasijiet fuq l-utenti għandhom jiġu applikati temporanjament għal vetturi rreġistrati fil-Greċja minħabba d-diffikultajiet dovuti għall-pożizzjoni ġeopolitika tagħha;
- (17) Sabiex jiġi żgurati li ħlasijiet fuq l-utenti u ħlasijiet għall-użu tat-toroq jiġu applikati b'mod omoġenju, għandhom jiġu stipulati ċerti regoli li jiddeterminaw il-mod kif għandhom jiġu applikati, bħal karatteristiċi ta' l-infrastruttura li għalihom japplikaw, il-livelli massimi ta' ċerti rati u kondizzjonijiet ġenerali oħrajn li jridu jiġu osservati; ħlasijiet medji skond it-toqol għandhom ikunu relatati ma' l-ispejjeż ta' kostruzzjoni, operazzjoni u żvilupp tas-sistema ta' infrastruttura kkonċernata;
- (18) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jattribwixxu lejn il-ħarsien ta' l-ambjent u lejn l-iżvilupp ibbilanċat ta' sistemi tat-trasport, persentaġġ ta' l-ammont tal-ħlas fuq l-utent jew tal-ħlas għall-użu tat-toroq, sakemm dan l-ammont jiġi kkalkulat b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva;
- (19) L-ammonti f'din id-Direttiva espressi f'unitajiet ta' munita nazzjonali ta' l-Istati Membri li jadottaw il-euro kienu ġew iffissati fl-1 ta' Jannar 1999 meta l-valur tal-euro ġie stabbilit skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2866/98 tal-31 ta' Diċembru 1998 dwar ir-rati ta' kambju bejn il-euro u l-muniti ta' l-Istati Membri li jadottaw il-euro⁽¹⁾; huwa xieraq li l-Istati Membri li ma jadottawx il-euro għandhom jirrevedu annwalment l-ammonti f'din id-Direttiva f'muniti nazzjonali u jaġġustawhom kif xieraq sabiex jieħdu inkonsiderazzjoni l-bidliet fir-rati ta' kambju; aġġustamenti annwali fil-muniti nazzjonali ma jistgħux ikunu obbligatori jekk il-bidla li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-rati ta' kambju l-ġodda tkun inqas minn ċertu livell perċentwali;
- (20) Il-prinċipju tat-territorjalità għandu jiġi applikat; żewġ Stati Membri jew iżjed jistgħu jikkooperaw bl-għan li jintroduċu sistema komuni ta' ħlasijiet fuq l-utenti, soġġett għal konformità ma' xi kondizzjonijiet addizzjonali;

- (21) F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, din id-Direttiva tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ għall-ilhug ta' l-għanijiet taħt it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat;
- (22) Għandha tiġi f'fissata skeda stretta għar-revisjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u sabiex jiġu kkunsidrati aġġustamenti għalihom, jekk meħtieġa, bl-għan li tiġi żviluppata sistema ta' taxxi iktar territorjali,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

II-KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva tapplika għal taxxi fuq vetturi, ħlasijiet għall-użu ta' toroq u ħlasijiet fuq l-utenti imposti fuq vetturi kif definiti fl-Artikolu 2.

Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa vetturi li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport esklussivament fit-territorji mhux Ewropej ta' l-Istati Membri.

Anqas ma għandha taffettwa vetturi rreġistrati fil-Gżejjer Kanarji, Ċewta u Melilla, l-Ażores jew Madejra u li jwettqu operazzjonijiet tat-trasport esklussivament f'dawk it-territorji jew bejn dawk it-territorji u, rispettivament, il-partijiet prinċipali ta' Spanja u tal-Portugall.

L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) "awtostrada" tfisser triq iddisinjata u mibnija speċjalment għal traffiku tal-karrozzi, li ma twassalx għal proprjetajiet li jmissu magħha, u li:
- (i) hija pprovduta, għajr f'punti speċjali jew b'mod temporanju, b'karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin jew bi strippa diviżorja mhux intenzjonata għat-traffiku jew, b'mod eċċezzjonali, permezz ta' mezzi oħra;
 - (ii) ma taqsamx fi grad ma ebda triq, linji tal-ferroviji jew linji tat-tramm, jew bankini;
 - (iii) hija msemmija speċifikament bħala awtostrada;
- (b) "ħlas għall-użu tat-triq" tfisser ħlas ta' ammont speċifikat għal vettura li tkun qiegħda tivvjaġġa bejn żewġ punti fuq l-infrastrutturi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7(2); l-ammont għandu jkun ibbażat fuq id-distanza vvjaġġata u t-tip tal-vettura;

⁽¹⁾ ĠU L 359, tal-31.12.1998, p. 1.

- (ċ) "hłas fuq l-utent" tfisser hłas ta' ammont speċifikat li jagħti d-dritt lil vettura li tuża għal perjodu speċifiku l-infrastrutturi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7(2);
- (d) "vettura" tfisser vettura bil-mutur jew kombinazzjoni ta' vettura artikulata intenzjonata esklussivament għat-trasport ta' merkanzija bl-art u li għandha toqol mgħobbi massimu permessibbli ta' mhux inqas minn 12-il tunnellata;
- (e) "Vettura EURO I" tfisser vettura li għandha l-karatteristiċi stipulati fil-linja A tal-lista fit-Taqsima 8.3.1.1 ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-miżuri li jridu jittieħdu kontra l-emissjoni ta' sustanzi gassużi li jniġġsu u partikolati minn magni tad-diesel għal użu fvetturi ⁽¹⁾;
- (f) "Vettura EURO II" tfisser vettura li għandha l-karatteristiċi stipulati fil-linja B tal-lista fit-taqsima 8.3.1.1 ta' l-Anness I tad-Direttiva 88/77/KEE.

IL-KAPITOLU II

Tassazzjoni tal-vetturi

L-Artikolu 3

1. It-taxxi fuq il-vetturi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu huma kif ġej:

- *Il-Belġju:*
taxe de circulation sur les véhicules automobiles/ verkeersbelasting op de autovoertuigen,
- *Id-Danimarka:*
vaegtafgift of motorkeretrajer m.v.,
- *Il-Ġermanja:*
Kraftfahrzeugsteuer,
- *Il-Greċja:*
Τέλη κυκλοφορίας
- *Spanja:*
 - (a) impuesto sobre vehiculos de traccion mecanica;
 - (b) impuesto sobre actividades economicas (fir-rigward ta' l-ammont ta' taxxa mitluba għal vetturi b'mutur biss),
- *Franza:*
 - (a) taxe spéciale sur certains véhicules routiers;
 - (b) taxe différentielle sur les véhicules a moteur,
- *L-Irlanda:*
vehicle excise duty,

- *L-Italja:*
 - (a) tassa automobilistica;
 - (b) addizionale del 5 % sulla tassa automobilistica,
- *Il-Lussemburgu:*
taxe sur les véhicules automoteurs,
- *L-Olanda:*
motorrijtuigenbelasting,
- *L-Awstrija:*
Kraftfahrzeugsteuer,
- *Il-Portugall:*
 - (a) imposto de camionagem;
 - (b) imposto de circulação,
- *Il-Finlandja:*
varsinainen ajoneuvovero/egentlig fordonsskatt,
- *L-Isvezja:*
fordonsskatt,
- *Ir-Renju Unit:*
 - (a) vehicle excise duty;
 - (b) motor vehicles licence.

2. L-Istati Membri li jbiddu kwalunkwe taxxa elenkata fil-paragrafu 1 b'taxxa oħra ta' l-istess xorta għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, li għandha tagħmel l-emendi meħtieġa.

L-Artikolu 4

Il-proċeduri għall-impożizzjoni u għbir tat-taxxi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3 għandhom jiġu stabbiliti minn kull Stat Membru.

L-Artikolu 5

Fir-rigward ta' vetturi rreġistrati fl-Istati Membri, it-taxxi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3 għandhom jiġu imposti biss mill-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.

L-Artikolu 6

1. Tkun xi tkun l-istruttura tat-taxxi li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jiffissaw ir-rati b'mod li jagħmlu ċert li r-rata ta' taxxa għal kull kategorija jew sottokategorija ta' vettura li hemm referenza għaliha fl-Anness I ma tkunx iktar baxxa mill-minimu stipulat f'dak l-Anness.

Sa sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall u Spanja għandhom ikunu awtorizzati li japplikaw rati li huma iktar baxxi minn, iżda mhux inqas minn, 65 % tal-minima stipulati fl-Anness I.

⁽¹⁾ ĠU L 36, tad-9.2.1988, p. 33. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 96/1/KE (ĠU L 40, tas-7.2.1996, p. 1).

2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw rati mnaqqsa jew eżenzjonijiet għal:

- (a) vetturi użati għal skopijiet ta' difiża nazzjonali jew ċivili, minn servizzi tan-nar jew ta' emerġenza oħrajn u mill-pulizija, u vetturi użati għall-manutenzjoni tat-toroq;
- (b) vetturi li jivvjaġġaw b'mod okkażżjonali biss fuq it-toroq pubbliċi ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni huma wżati minn persuni naturali jew ġuridiċi li l-okkupazzjoni prinċipali tagħhom mhix it-trasport ta' merkanzija, sakemm l-operazzjonijiet ta' trasport imwettqa minn dawn il-vetturi ma jikkawżawx tgħawwiġ fil-kompetizzjoni, u soġġett għall-kunsens tal-Kummissjoni.

3. (a) Il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil Stat Membru biex imantni aktar eżenzjonijiet jew riduzzjonijiet minn taxxi fuq vetturi minħabba raġunijiet ta' politika speċifika tat-tip soċjo-ekonomika jew marbuta ma' l-infrastruttura ta' dak l-Istat. Dawn l-eżenzjonijiet jew tnaqqis jista' japplika biss għal vetturi rreġistrati f'dak l-Istat Membru li jwettqu operazzjonijiet tat-trasport esklussivament ġewwa parti definita sew tat-territorju tiegħu.

(b) Kull Stat Membru li jixtieq imantni eżenzjoni jew riduzzjoni ta' dan it-tip għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan u għandu jgħaddilha wkoll kull informazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar l-eżenzjoni jew ir-riduzzjoni proposti fi żmien xahar.

Il-Kunsill għandu jitqies li jkun awtorizza l-manteniment ta' l-eżenzjoni jew riduzzjoni proposta jekk, fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data meta l-Istati Membri l-oħra kienu ġew infurmati b'mod konformi ma' l-ewwel subparagrafu, la l-Kummissjoni u lanqas kwalunkwe Stat Membru ma jkun talab li l-kwistjoni tiġi eżaminata mill-Kunsill.

4. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 u tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jew għall-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport kombinat ta' merkanzija bejn Stati Membri ⁽¹⁾, l-Istati Membri ma jistgħu jagħtu ebda eżenzjoni jew riduzzjoni mit-taxxi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3 li jaġhmlu t-taxxa applikabbli iktar baxxa mill-minimu li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

IL-KAPITOLU III

Ħlas għall-użu ta' triq u ħlas fuq l-utent

L-Artikolo 7

1. L-Istati Membri jistgħu jmantnu jew jintroduċu ħlasijiet għall-użu ta' toroq u ħlasijiet imposti fuq l-utent taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 sa 10.

⁽¹⁾ ĠU L 368, tas-17.12.1992, p. 38.

2. (a) Ħlasijiet għall-użu ta' toroq u ħlasijiet fuq l-utent għandhom jiġu imposti biss fuq utenti ta' awtostradi jew toroq oħra b'diversi mogħdijiet b'karatteristiċi simili għal awtostradi, jew utenti ta' pontijiet, mini u passaġġi fil-muntanji.

Madanakollu, fi Stat Membru fejn ma teżisti ebda sistema ġenerali ta' awtostradi jew karreġġati b'karatteristiċi simili, jistgħu jiġu imposti ħlasijiet għall-użu ta' toroq u ħlasijiet fuq l-utent f'dak l-Istat fuq utenti ta' l-oġhla kategorija ta' triq mill-perspettiva teknika.

(b) Wara konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni, u b'mod konformi mal-proċedura stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 1962 li tistitwixxi proċedura għall-eżaminazzjoni u konsultazzjoni minn qabel fir-rigward ta' ċerti liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar trasport propost fl-Istati Membri ⁽²⁾.

(i) ħlas għall-użu ta' triq u ħlasijiet fuq l-utent jistgħu jiġu imposti wkoll fuq utenti ta' sezzjonijiet oħra tas-sistema ta' toroq prinċipali, b'mod partikolari

– meta jkun hemm raġunijiet ta' sigurtà għal dan,

– fi Stat Membru fejn ma teżisti ebda sistema koerenti ta' awtostradi jew karreġġati doppji b'karatteristiċi simili fil-parti maġġuri ta' l-Istat, f'dik il-parti tal-pajjiż, iżda biss fuq toroq użati għat-trasport internazzjonali u interreġjonali ta' merkanzija tqila, sakemm id-domanda tat-traffiku u d-densità tal-popolazzjoni ma jiġġustifikawx ekonomikament il-kostruzzjoni ta' awtostradi jew ta' toroq b'karreġġati doppji b'karatteristiċi simili;

(ii) jistgħu jsiru arranġamenti speċjali għal żoni fil-fruntieri mill-Istati Membri kkonċernati;

(iii) l-Awstrija tista' teżenta mill-ħlas Awstrijak impost fuq l-utent il-biċċa awtostrada bejn Kufstein u Brenner.

3. Ħlas għall-użu ta' triq u ħlasijiet fuq l-utent ma jistgħux jiġu imposti fl-istess ħin għall-użu ta' sezzjoni waħda tat-triq. Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu jimponu wkoll ħlas għall-użu ta' triq fuq sistemi ta' toroq fejn jeżistu ħlasijiet fuq l-utenti fir-rigward ta' pontijiet, mini u passaġġi fil-muntanji.

4. Ħlas għall-użu ta' triq u ħlasijiet fuq l-utent ma jistgħux jiddiskriminaw, direttament jew indirettament, fuq il-bażi tan-nazzjonalità tat-trasportatur tal-merkanzija jew ta' l-oriġini jew destinazzjoni tal-vettura.

5. Ħlas għall-użu ta' triq u ħlasijiet fuq l-utent għandhom jiġu applikati u miġbura u l-ħlas tagħhom għandu jiġi sorveljat b'tali mod li jikkawża kemm jista' jkun mill-inqas xkiel għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' traffiku u li jevita kull kontroll obligatorju fuq il-fruntieri interni tal-Komunità. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jistabbilixxu metodi li jippermettu lit-trasportaturi tal-merkanzija sabiex

⁽²⁾ ĠU 23, tat-3.4.1962, p. 720/62. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 73/402/KEE (ĠU L 347, tas-7.12.1973, p. 48).

jagħmlu l-ħlasijiet fuq l-utenti 24 siegħa kuljum, għallinqas fil-ħwienet ewlenin, permezz ta' mezzi ta' ħlas normali, ġewwa u barra l-Istati Membri fejn huma applikati. L-Istati Membri għandhom jipprovdu faċilitajiet adegwati fil-punti ta' ħlas ta' ħlasijiet għall-użu ta' toroq u dawk fuq l-utenti sabiex imantnu livelli normali ta' sigurtà fit-toroq.

6. Stat Membru jista' jistipula li vetturi rreġistrati f'dak l-Istat Membru jkunu soġġetti għal ħlasijiet fuq l-utenti għall-użu tas-sistema ta' toroq kollha fit-territorju tiegħu.

7. Ħlasijiet fuq l-utenti, inklużi spejjeż amministrattivi, għall-kategoriji kollha ta' vetturi għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat fuq livell li ma jkunx iktar għoli mir-rati massimi stabbiliti fl-Anness II.

Fl-1 ta' Lulju 2002 u kull tieni sena minn dakinhar 'il quddiem għandhom jiġu riveduti dawn ir-rati massimi. Meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti għal aġġustamenti xierqa u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jaġixxu fuqhom, b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat.

L-Istati Membri li japplikaw ħlas fuq l-utenti għandhom, sa sen-tejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, japplikaw riduzzjoni ta' 50 % fir-rati ta' ħlasijiet għall-utenti fir-rigward ta' vetturi rreġistrati fil-Greċja minħabba l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tawtorizza estensjoni ta' din ir-riduzzjoni minn dawn l-Istati Membri minn sena għal sena.

8. Rati ta' ħlas fuq l-utenti għandhom ikunu proporzjonati għat-tul ta' l-użu magħmul mill-infrastruttura.

Stat Membru jista' japplika biss rati annwali għal vetturi rreġistrati f'dak l-Istat.

9. Il-ħlasijiet għall-użu ta' toroq skond it-toqol għandhom ikunu relatati ma' l-ispejjeż tal-bini, ta' l-operazzjoni u ta' l-iżvilupp tas-sistema ta' l-infrastruttura kkonċernata.

10. Mingħajr preġudizzju għall-ħlasijiet għall-użu ta' toroq skond it-toqol li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 9, l-Istati Membri jistgħu jvarjaw ir-rati li bihom huma imposti dawn il-ħlasijiet skond:

- (a) il-klassijiet ta' emissjoni tal-vetturi, sakemm ebda ħlas ma jkun iktar minn 50 % oġhla mill-ħlas impost għal vetturi ekwivalenti li jissodisfaw il-livelli ta' emissjoni l-iktar stretti;
- (b) il-ħin tal-ġurnata, sakemm ebda ħlas ma jkun iżjed minn 100 % oġhla mill-ħlas impost waqt l-iktar perjodu rħis tal-ġurnata.

Kull varjazzjoni fil-ħlasijiet imposti fir-rigward ta' klassijiet ta' emissjoni ta' vetturi jew tal-ħin tal-ġurnata għandhom ikunu proporzjonati ma' l-għan segwit.

L-Artikolu 8

1. Żewġ Stati Membri jew iżjed jistgħu jikkooperaw billi jintroduċu sistema komuni għal ħlasijiet imposti fuq l-utenti applikabbli fit-territorji tagħhom komplessivament. F'dak il-każ, dawk l-Istati Membri għandhom jagħmlu ċert li l-Kummissjoni tkun involuta f'dan mill-qrib u fit-tħaddim sussegwenti tas-sistema kif ukoll fl-emenda possibbli tagħha.

2. Sistema komuni għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin flimkien ma' dawk fl-Artikolu 7:

- (a) ir-rati komuni ta' ħlasijiet imposti fuq l-utenti għandhom jiġu ffixxati mill-Istati Membri li jipparteċipaw fuq livelli li mhumiex iktar għoljin mir-rati massimi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7(7);
- (b) meta jsir il-ħlas komuni fuq l-utent dan għandu jagħti aċċess għas-sistema ta' toroq kif definita mill-Istati Membri li jipparteċipaw b'mod konformi ma' l-Artikolu 7(2);
- (c) Stati Membri oħrajn jistgħu jissiehu fis-sistema komuni;
- (d) għandha tinħadem skala mill-Istati Membri li jipparteċipaw li permezz tagħha kull wieħed minnhom għandu jirċievi sehem ġust mid-dħul li jirriżulta mill-ħlasijiet fuq l-utenti.

IL-KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet finali

L-Artikolu 9

1. Din id-Direttiva ma għandhiex twaqqaf l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta':

- (a) taxxi jew ħlasijiet speċifiċi:
 - intaxxati fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura, jew
 - imposti fuq vetturi jew tagħbijiet ta' toqol jew dimensjonijiet mhux normali;
- (b) ħlasijiet għall-parkeġġ u ħlasijiet speċifiċi tat-traffiku urban;
- (c) ħlasijiet regolatorji mfassla speċifikament biex jikkumbattu l-konġestjoni tat-traffiku relatata mal-ħin u mal-post.

2. Lanqas ma għandha din id-Direttiva żżomm lill-Istati Membri milli jattribwixxu lejn il-ħarsien ta' l-ambjent u lejn l-iżvilupp ibbilanċat ta' sistemi tat-trasport, persentaġġ ta' l-ammont tal-ħlas fuq l-utent jew tal-ħlas għall-użu tat-toroq, sakemm dan l-ammont jiġi kkalkulat b'mod konformi ma' l-Artikolu 7(7) u (9).

L-Artikolu 10

1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, ir-rati ta' kambju bejn il-euro u l-muniti nazzjonali ta' l-Istati Membri li ma adottawx il-euro għandhom ikunu dawk fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru u ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej; għandu jkollhom effett mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja ta' wara.

2. L-Istati Membri li ma adottawx il-euro jistgħu jżommu l-ammonti fis-seħħ fil-ħin ta' l-aġġustament annwali magħmul taħt il-paragrafu 1 jekk il-kambju ta' l-ammonti espressi feuro jirriżulta f'bidla ta' inqas minn 5 % meta espressi fmuniti nazzjonali.

L-Artikolu 11

1. Sad-dati li hemm referenza għalihom fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(7), il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, waqt li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fit-teknoloġija u fil-konġestjoni tat-traffiku.

2. L-Istati Membri għandhom jgħaddu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn sitt xhur qabel id-dati li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 sabiex il-Kummissjoni tkun tista' theggi r-rapport hawn fuq imsemmi.

3. L-Istati Membri li jintroduċu sistemi elettroniċi għall-ħlasi jiet imposti fuq l-użu tat-toroq u fuq l-utenti għandhom jikkooperaw bl-għan li jiksbu livell xieraq ta' interoperabbiltà.

L-Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Lulju 2000. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi domestika li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan.

L-Artikolu 13

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 14

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-17 ta' Ġunju 1999.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. M. GIL-ROBLES

Għall-Kunsill

Il-President

F. MÜNTEFERING

L-ANNEX I

RATI MINIMI TA' TAXXA LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI GĦAL VETTURI

Vetturi b'Mutur

Numru ta' fusien u t-toqol gross mgħobbi massimu permissibbli (f'tunnellati)		Rata minima ta' taxxa (feuro/sena)	
Mhux inqas minn	Inqas minn	Fus/fusien tas-sewqan b'sospensjoni ta' l-arja jew ekwivalenti rikonoxxut(i) ⁽¹⁾	Sistemi ta' sospensjoni oħrajn tal-fus/fusien tas-sewqan
Żewġ fusien			
12	13	0	31
13	14	31	86
14	15	86	121
15	18	121	274

Tliet fusien			
15	17	31	54
17	19	54	111
19	21	111	144
21	23	144	222
23	25	222	345
25	26	222	345

Erba' fusien			
23	25	144	146
25	27	146	228
27	29	228	362
29	31	362	537
31	32	362	537

⁽¹⁾ Sospensjoni rikonoxxuta bħala ekwivalenti b'mod konformi mad-definizzjoni fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistipula fir-rigward ta' ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkulaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fi traffiku nazzjonali u internazzjonali u t-toqol massimu awtorizzat fi traffiku internazzjonali (ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 59).

KOMBINAZZJONIJIET TA' VETTURI (VETTURI ARTIKOLATI U FERROVIJI TAT-TRIQ)

Numru ta' fusien u t-toqol gross mgħobbi massimu permissibbli (f'tunnellati)		Rata minima ta' taxxa (feuro/sena)	
Mhux inqas minn	Inqas minn	Fus/fusien tas-sewqan b'sospensjoni ta' l-arja jew ekwivalenti rikonoxxut(i) ⁽¹⁾	Sistemi ta' sospensjoni oħrajn tal-fus/fusien tas-sewqan
fusien 2 + 1			
12	14	0	0
14	16	0	0
16	18	0	14
18	20	14	32
20	22	32	75
22	23	75	97
23	25	97	175
25	28	175	307

Numru ta' fusien u t-toqol gross mgħobbi massimu permissibbli (f'tunnellati)		Rata minima ta' taxa (f'euro/sena)	
Mhux inqas minn	Inqas minn	Fus/fusien tas-sewqan b'sospensjoni ta' l-arja jew ekwivalenti rikonoxxuti ⁽¹⁾	Sistemi ta' sospensjoni oħrajn tal-fus/fusien tas-sewqan
fusien 2 + 2			
23	25	30	70
25	26	70	115
26	28	115	169
28	29	169	204
29	31	204	335
31	33	335	465
33	36	465	706
36	38	465	706
fusien 2 + 3			
36	38	370	515
38	40	515	700
fusien 3 + 2			
36	38	327	454
38	40	454	628
40	44	628	929
fusien 3 + 3			
36	38	186	225
38	40	225	336
40	44	336	535

⁽¹⁾ Sospensjoni rikonoxxuta bħala ekwivalenti b'mod konformi mad-definizzjoni fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistipula fir-rigward ta' ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkulaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fi traffiku nazzjonali u internazzjonali u t-toqol massimu awtorizzat fi traffiku internazzjonali (ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 59).

*L-ANNEX II***AMMONTI MASSIMI FEURO TA' HLASIJET FUQ L-UTENTI, INKLUŻI SPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI, LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 7(7)****Annwali**

	massimu tliet fusien	minimu erba' fusien
MHUX EURO	960	1 550
EURO I	850	1 400
EURO II u iktar nadif	750	1 250

Fix-xahar u fil-ġimgħa

Rati massimi fix-xahar u fil-ġimgħa huma fi proporzjon għat-tul ta' l-użu magħmul mill-infrastruttura.

Kuljum

Il-ħlas ta' kuljum fuq l-utent għall-kategoriji kollha ta' vetturi jammonta għal EUR 8.
